

L-Ewwel Sena JANNAR - MARZU, 1955 Ktieb Nru. 1

SUPER MUROS TUOS, JERUSALEM, CONSTITUI CUSTODES

# LEHEN L-ART IMQADDSA

MZ6

QARI TA' KULL TLIET XHUR
MAĦRUĠ MILL-KUMMISSERIJA
TAT-TERRA SANTA F'MALTA.

DIREZZJONI: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
AMMINISTRAZZJONI: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju, Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi.**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' msehbin li, bi hsieb wiehed ta' talb u ta' ghajnuna ta' flus, jifhmu jghinu lill-Missjunarji Frangiskani ta' l-Art Imqaddsa ghall-harsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa taghna, kif ukoll ghat-tixrid u z-zamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xizmatki tal-Lvant.

**Kif u meta nholqot.**

Inholqot, nistghu nghidu, mill-bidu tal-Knisja, ghax nafu, li xi whud mill-Appostli gabru u wasslu flus lill-insara ta' Gerusalemm. Imma f'sura ta' xirka giet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-hidma tal-Patrijiet Kummissarji tat-Terra Santa u giet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li ghanija bi kbir gid tar-ruh, fis-sena 1894.

Ghan ewlieni taghha hu, li:

a) tghin bit-talb, bil-flus u bil-hidma ghaz-zamma, ghall-kisba u ghall-harsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) tahdem kemm tista' ghax-xandir tal-Fidi Kattolika qalb l-Infidili, ghat-tixrid tac-civiltà, ghat-twaqqif ta' opri ta' beneficenza u ghall-ghaqda bejn l-Insara;

c) tghaqqad Xirka qawwija ghal dan il-ghan qaddis minn ghadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jghinu lill-Missjunarji Frangiskani, li minn 7 sekoli ilhom jahdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imsehbin.**

Imsehbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' ghajnuna ta' flus ghall-htegijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew ghal sena biss, u l-hlas hu ta' xelin (1/-), jew ghal dejjem, perpetwu, u l-hlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistghu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatrici.**

Huma l-irgiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, jfehmulhom x'inhija, jiktbuhom fiha, jigbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jahsbu jibghatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Gid tar-ruh moghti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsieheb.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tghakkis, pellegrinaggi u ghamil iehor ta' hniena li jsiru fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju VI, f'Lulju 1778).

2. Indulgenza Plenarja fil-Milied, f'Ghid il-Kbir u fil-hin tal-mewt.

3. Indulgenzi ohra Parzjali huma moghtija ghal kull nhar ta' Gimgha.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jhabirku ghall-Opra Pija hi moghtija s-setgha li jbierku l-Kurcifissi bl-ghoti ta' l-indulgenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Frangisk. (Ljun XIII, 26 ta' Gunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa ghal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatrici.**

Indulgenza Plenarja specjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Gunju 1894).



# LEĦEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAT-TERRA SANTA (MALTA)

L-Ewwel Sena | JANNAR - MARZU, 1955 | Għadd 1

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Leħen l-Art Imqaddsa (*Id-Direzzjoni*) ... ... ... ... ... ... 2
Is-Salib ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... 4

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Din ir-Rivista (*Fra Elija, O.F.M.*) ... ... ... ... ... ... 6
Nazaret u l-Franġiskani (*Fra Żarenu, O.F.M.*) ... ... ... ... 8
Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla tas-Santwarju tal-Lunzjata f'Nazaret ... 11
San Franġisk t'Assisi u l-Art Imqaddsa (*Fra Mosè, O.F.M.*) ... ... 12
Għaqda Ewkaristika għall-Fidwa taċ-Ċenaklu Mqaddes minn idejn l-Infidili ... ... ... ... ... ... ... 14

It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

Qdusija Franġiskana fuq Is-Sijon (*P. Marjanu Vella, O.F.M.*) ... 15

Minn Hawn u Minn Hemm

Aħbarijiet ta' Malta u ta' Barra ... ... ... ... ... ... 18
Drawwiet tan-Nies fl-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... 20

# LEĦEN L-ART IMQADDSA

*Hu l-isem li bih ġie mgħammed dan il-Qari ġdid, li għandkom f'idejkom. F'kull staġun tas-sena ħeħsiebu jiġi jżurkom bil-ħsieb li jnissel fikom xi ftit minn dak id-dawl u mħabba, li l-Mulej xerred fuq l-erwieħ mill-art tal-Palestina.*

*Bħalma mill-għoli tas-smewiet id-dwal jinxterdu fuq l-art u, b'dawk l-imrieżaq imdehbin u jilmaw li ħerġin mix-xemx, b'dawk l-ilwien imżewqin u jiddu li jarmu l-qamar u l-kwiekeb, jinfirxu fuq il-ħwejjeġ, jagħtuhom il-ħajja u jaħjuhom, hekk mill-art tal-Palestina jinxtered u jinfirex ma' kull-imkien id-dawl tal-fidi nisranija, li bil-ġrajjiet minn Alla mwettqa, terfa' r-ruħ 'il fuq u timla l-qalb bit-tama fuqanija.*

*Minn Alla n-nifsu hi msejħa ART IMQADDSA (Exod. 3)*1 *għax fiha ġraw u ġew imwettqa l-wegħdiet bikrija tal-Mulej. Fiha nibtet il-ħajja, li fl-erwieħ ġiet imlaqqma minn DAK li f'ġuf ta' Xbejba safja tgħarras massura tal-bniedem, u li hemm ukoll twieled, għex u miet, fil-waqt li rebħa ġieb fuq il-mewt. Għal hekk hi, il-Palestina, hi l-art l-iktar għażiża għal ġens il-bniedem: hemmhekk twaqqfu t-tradizzjonijiet li jiġbru fihom kull twemmin xieraq għan-natura tal-bniedem, li jdommu minnhom infushom Ġrajja ta' tifkiriet, mhux le minsuġin bi ħlieqi u ħrejjef ta' ebda siwi, imma msejsin u mibnijin tabilħaqq fuq is-sewwa u li jixhdu s-setgħa, l-għerf u t-tjeba tal-Mulej, li biha dejjem għen u mexxa lill-bniedem u lill-ġnus sa mill-bidu tal-ħolqien.*

*Il-Palestina! Art Imqaddsa! Art Imbierka! Hemm, ġo fiha twieldu u għexu l-Kbar li huma l-ġieħ ta' ġensna; u hemm il-Mulej lilhom kellem u għarraf ir-rieda tiegħu. Nieqa ta' ġens il-bniedem, li fiha tnisslu, wara Adam u Eva, il-Patrijarki Noè, Abram, Iżħak u Ġakob; fiha ħakmu s-Slaten Sawl, David u Salamun; hemmhekk wettqu u temmu ħidmithom il-Profeti Iżaija, Ġeremija, Eżekjeli, Danjeli, ma' oħrajn magħżulin u maħbubin mill-Mulej, bħalma kienu Ġobb, Tobija, Ġuditta, Ruth u, imbagħad, it-tnax l-Appostlu, Eliżabetta u Marija, bint Anna u Ġakkinu. Imma fuq kollox, Art Qaddisa, għax fiha twieled, għammar, ħadem, għex u miet Ġesù. Il-Palestina hi l-pajjiż ta' Ġesù, Bniedem-Alla!*

* * *

*Mat-triqat tal-Palestina, quddiem l-għajnejn ta' dak li jemmen, tidher ma' kullimkien is-Sura ta' Ġesù. Ħelwa u maestuża, magħha tiltaqa' ma' kullimkien; kull għolja u kull witja, kull misraħ u kull trejqa, kull mogħdija u kull rokna, Fih ifakkruk, Lilu juruk, bħal meta għoxrin mitt sena ilu, ħanin u daħkani, kien jitkellem mal-kotra msaħħra fuq is-saltna tas-sema. Jidher iva, Ġesù ma' dawk l-imkejjen quddiem l-għajnejn tad-devot pellegrin bħal meta kien jgħallem lill-fqajrin u lill-għonja l-istmerrija għall-ġieħ u għall-*

*ġid li jintemm, li l-frugħa titlef ir-ruħ u biss l-imħabba lejn għajrhom u lejn il-Mulej twassalhom għas-saltna ta' Missieru; u biex iseddaq tagħlimu kien iwettaq għeġubijiet ta' Iben t'Alla li tassew kien.*

*Xejn, tabilħaqq, xejn ma tilfu mis-seħer tagħhom l-imkejjen imqaddsa tal-Palestina, għax minn hemm għadda Ġesù u fihom naqqax it-tifkira tiegħu ta' sliem u ta' barka. Xejn minnu ma ntemm, xejn ma ntilef, u la xbiħietu, u la leħnu, u l-inqas għamilu. Ix-Xbiha ta' surtu baqgħet u tibqa f'dawk l-imkejjen imqaddsa, tolqot lil kull ruħ li Fih temmen, lil kull bniedem li Lilu jistqarr, lil kull qalb li Lilu tħobb. Imbierka, u għal dejjem imbierka dik l-art li fiha ħadem, dawk it-toroq li minnhom għadda, dawk l-imkejjen li huma xhieda tat-tbatijiet u tal-glorji tiegħu. Minn tfulitu, kollha ħlewwa u ġmiel, jitkellmu s-siġar u l-ward ta' l-għelieqi ta' Nazzaret; minn tagħlimu u minn għeġubijietu jitħadtu x-xtajtiet tax-xmara tal-Ġurdan u tal-baħar ta' Tiberijade; u mir-rabta ġewwenija ma' Missieru jfakkru l-għoljiet taż-Żebbuġ u tat-Tabor. Kull triq, kull misraħ, kull għolja, kull wied u kull imkien ta' l-Art Imqaddsa jfakkru lil Kristu u l-Qabar rebbieħ tiegħu għadu u jibqa' dejjem is-seħer li jiġbed il-qlub ta' l-insara.*

*U Ġerusalemm, għan ewlieni tat-taqbidiet qawwija tal-Kruċjati, għadha u tibqa' għal dejjem il-ġibda msaħħra tal-Kbar Eroj tal-Fidi, xenqa ta' dawk kollha li jemmnu, għalqa ta' ħidma bla mistrieħ għal ulied il-Fqajjar t'Assisi, li minn idejn il-Kruċjati, iktar minn seba' mitt sena ilu, ħadu l-Bandiera tal-ħames slaleb, simbolu ta' ħakma fuq l-Art Imqaddsa.*

* * *

*M'hemmx għalhekk, ħaġa iktar siewja għall-qalb tan-nisrani mill-ħsieb mill-fakra tas-Santwarji tal-Palestina. Huma jfakkruna f'dak li Ġesù għamel għalina, u għalhekk, għall-ħsieb biss tagħhom il-qalb titpaxxa, ir-ruħ toħla u togħla hekk 'il fuq, li tinsa għal ħin il-ħwejjeġ qarrieqa ta' din l-art, minnhom tinfired u, bil-ħsieb u bl-imħabba, tingħaqad ma' Ġesù Kristu. Is-Santwarji Mqaddsa tal-Palestina huma merżuq ta' dawl divin għall-moħħ tan-nisrani, xrara ta' mħabba tas-sema għall-qalb ta' dawk kollha li jemmnu.*

*U b'dan l-għan waħdieni ħsibna nibdew inxandru f'kull staġun tas-sena għal ħutna Maltin, dan il-Qari, li jġib l-isem ta'*

*LEĦEN L-ART IMQADDSA,*

*li minn qaddisu jistqarrilkom dak li kull tliet xhur irid iħabbrilkom.*

*Qarrejja Maltin Ħutna, għalkemm l-"Opra t-Tajba" tal-Qabar ta' Kristu hi, mhux ħażin, imħaddna fil-gżejjer tagħna, mhix iżda bizzejjed magħrufa u, għalhekk, mhix bizzejjed maħbuba. Fuq din l-"Opra t-Tajba" LEĦEN L-ART IMQADDSA jġibilkom DAWL, dawl li ġej kollu minn Kristu, li ngħaqad mas-sura tagħna, twieled, għex u miet fil-Palestina. Mis-Santwarji tal-fidwa tagħna joħroġ dejjem tagħlim ta' għerf, li jagħti l-veru dawl, li jqanqal, isaħħaħ u jseddaq il-fidi, li ġà ħadna fil-magħmudija.*

*Għalhekk,* L-Ewwel Taqsima *tar-Rivista tagħna tħabbrilkom: "Tagħrif fuq is-Santwarji tal-fidwa tagħna bil-grajjiet kollha tagħhom, qodma u godda, li jagħtukom il-veru Dawl, li jgħanikom bil-veru għerf fuq dawk l-għeġu-*

*bijiet ta' l-arti li ħarġu u twettqu minn Dawk il-Kbar li dehru, ma' tul l-Istorja taż-żminijiet, imsaħħrin għall-Art Imqaddsa.*

IT-TIENI TAQSIMA *mbagħad, tfittex li tqanqal fikom l-IMĦABBA. Il-Bniedem hekk hu mfassal: l-ewwel jagħraf, imbagħad iħoss; l-ewwel jifhem, imbagħad jinġibed u jimxi għal wara dak li jkun għaraf li huwa sewwa, tajjeb, u sabiħ.*

*O Ħunta Maltin, mela, bid-dawl li tieħdu minn dan il-Qari fuq is-Santwarji tal-fidwa tagħna, tinġibdu biex tħobbu lil Kristu-Feddej, li hekk għallimna u ħabbna minn dawk l-Imkejjen għeżież ta' l-ART IMQADDSA.*

*ID-DIREZZJONI.*

*Nhar il-Milied ta' l-1954.*

---

# IS-SALIB TA' L-ART IMQADDSA

Il-Bandiera ta' l-Art Imqaddsa, jiġifieri dik il-Bandiera li jtellgħu r-Rħieb Franġiskani fuq il-knejjes tagħhom, fil-Palestina, fil-Ħdud u l-għejjieda, hija Bandiera bajda; u f'nofsha salib kbir aħmar, bl-erba' rjus daqsin sew; u b'erba' slaleb żgħar, salib f'kull rokna tas-salib il-kbir.

Din il-bandiera hija qadima wisq, għalhekk ħadd ma jaf min kien l-ewwel wieħed li sawwarha, u anqas il-ħames slaleb x'ifissru sew. Min igħid ħaġa u min igħid oħra.

Hawn min igħid li l-bandiera bil-ħames slaleb sawwarra l-Imperatur Kostantinu u taha lit-taqsima tas-suldati Nsara li kellu fit-tajfa tiegħu. Is-salibbil-kbir kien irid ifisser bih dak is-salib li deherlu fis-sema meta kienet qorbot biex tgħib ix-xemx, u dawk l-erba' slaleb żagħar huma l-erba' kelmiet bil-Latin: *"In — Hoc — Signo — Vinces"*, li jfissru: *B'din il-egħliema tirbaħ*. Għall-ħeffa, fuq il-bandiera, ma qagħadx jikteb kliem, imma sawwar erba' slaleb, salib f'kull tarf.

Hemm oħrajn li jidhrilhom li dik il-bandiera kienet imsawwra fi żmien is-Salibiijin, jew Kroċjati, u s-slaleb kienu jfissru l-Ħames Nifdiet ta' Sidna Ġesù Kristu. Is-salib il-kbir ifisser in-Nifda tal-Qalb, u l-erba' slaleb żgħar, it-tnejn ta' fuq in-Nifdiet ta' l-Idejn, u t-tnejn ta' taħt, in-Nifdiet tar-Riġlejn ta' Ġesù Kristu.

Hemm nies, fl-aħħar, li jifhmu ħaġ'oħra. Dawk il-ħames slaleb ifissru ħames saltniet. Il-salib il-kbir ifisser is-saltna tal-Papa u l-erba' slaleb żgħar ifissru l-erba' saltniet li kienu jitgħatu n-nies jiġġieldu mat-Torok biex jifdu l-Qabar ta' Kristu u l-Art Imqaddsa mill-għedewwa, jiġifieri: l-Italja, Spanja, Franza u l-Ingilterra.

It-tliet tifsiriet huma sbieħ u tajbin. Huma x'inhuma dawk il-ħames slaleb, huwa dejjem minnu li dik il-bandiera li fiha jinsabu jistħoqqilha qima u ġieħ, għax kull min refagħha ried dejjem iwassal l-Aħbar tas-Salib, jiġifieri tal-Fidwa, sa l-erbat irjieħ tad-dinja.